



KONTROLLUR EWROPEW  
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

L-AWTORITÀ INDIPENDENTI  
TAL-UE GĦALL-PROTEZZJONI  
TAD-DATA

# RAPPORT ANNWALI

**2021**  
**SOMMARJU**  
**EŻEKUTTIV**

Aktar dettalji dwar l-EDPS jinstabu fuq is-sit web tagħna fuq [edps.europa.eu](https://edps.europa.eu).

Is-sit web jagħti wkoll dettalji dwar [karatteristika ta' abbonament](#) fil-bulettin tagħna.

Waterford, l-Irlanda – Brussell, il-Belġju: Trilateral Research Ltd, Vrije Universiteit Brussell, 2022

© Disinn u Ritratti: Trilateral Research Ltd, EDPS u l-Unjoni Ewropea

© L-Unjoni Ewropea, 2022

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali.


Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

PDF ISBN 978-92-9242-758-0 ISSN 1831-0567 doi: 10.2804/080485 QT-AB-22-001-MT-N

HTML ISBN 978-92-9242-756-6 ISSN 1831-0567 doi: 10.2804/172141 QT-AB-22-001-MT-Q



# **INTRODUZZJONI**



Waqt ir-**rimarki tal-għeluq tiegħi** fil-konferenza dwar il-Kompjuters, il-Protezzjoni tad-*Data* u l-Privatezza f'Jannar tal-2021, ikkondividejt is-sentimenti ta' tama tiegħi mal-parteċipanti. Tama li aħna se noħorġu mis-solitudni tal-lockdowns b'esperjenza komuni u kondiviża li għaddejna minn dan kollu għal xulxin; li s-solidarjetà li konna qed nesperjenzaw se tagħmilna aktar b'saħħitna bħala soċjetà; u li din l-esperjenza kondiviża hija xi ħaġa li se nibnu fuqha fil-futur.

Meta nikteb dawn il-kliem, filwaqt li nipprova naħseb f'din is-sena li għaddiet, insibha diffiċli li ma naħsibx dwar il-preżent. Fl-atroċitajiet tal-gwerra, bħal fit-traġedja tal-pandemija, naraw kif is-solidarjetà tqarribna lejn xulxin u tgħinna negħlbu l-aġar żminijiet.

Mhux b'kumbinazzjoni, *is-solidarjetà* hija waħda mill-pilastri ewlenin tal-**Istrateġija tal-EDPS 2020-2024**. Jien kburi li fl-2021 kliemna kien segwit minn azzjonijiet. Is-superviżjoni tagħna tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE (istituzzjonijiet tal-UE) hija bbażata fuq twemmin profond li standards għoljin ta' konformità legali tal-awtoritajiet pubbliċi tal-UE huma kundizzjoni meħtieġa għall-effettività tagħhom. Amministrazzjoni effiċjenti hija amministrazzjoni li tirrispetta l-istat tad-dritt u taġixxi abbażi tal-liġi, mhux madwarha.

L-EDPS huwa impenjat li jappoġġa lill-istituzzjonijiet tal-UE f'dan l-isforz. Aħna ninnotaw b'sodisfazzjon, kif muri minn spezzjonijiet remoti, linji gwida u taħriġ, il-livell ġenerali għoli ta' konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* rigward il-miżuri meħuda għall-ġlieda kontra l-pandemija.

Id-**Deċiżjoni tal-EDPS** li tordna lill-Europol tħassar settijiet ta' *data* mingħajr rabtiet stabbiliti mal-attività kriminali għandha titqies ukoll fil-kuntest tar-rispett tagħna għall-istat tad-dritt u s-sistema ta' kontrolli u bilanċi maturi. L-EDPS irid istituzzjonijiet tal-UE b'saħħithom. Madankollu, din is-saħħa tista' tkun ibbażata biss fuq il-konformità sħiħa mal-mandat mogħti lilhom mil-leġiżlatur tal-UE. L-ebda pedament ieħor ma jista' jġib riżultati fit-tul.

Fil-qasam tal-parir dwar il-politika, fost eżempji li jinsabu fir-Rapport Annwali 2021, l-isforzi tagħna jistgħu jitqiesu fl-Opinjonijiet li wassalna fuq numru ta' inizjattivi tal-leġiżlaturi tal-UE li għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* personali tal-individwi, bħall-**Att dwar is-Servizzi Diġitali** jew l-**Att dwar is-Swieq Diġitali**. L-Opinjonijiet tagħna huma bbażati fuq il-konvinzjoni li *data* ġġenerata fl-Ewropa tiġi kkonvertita

f'valur għall-kumpaniji u l-individwi Ewropej, u pproċessata skont il-valuri Ewropej, biex tiffirma futur diġitali aktar sikur.

L-EDPS dejjem kien istituzzjoni li tħares lil hinn mix-xenarju tal-istituzzjonijiet tal-UE. Aħna impenjati għas-suċċess tal-UE fil-qasam tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data*. B'ħarsa lejn il-futur, filwaqt li nemmnu li s-suċċess tal-GDPR huwa wkoll ir-responsabbiltà tagħna, aħna komplejna nipparteċipaw b'mod attiv fil-ħidma tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, kif rifless fin-numru ta' inizjattivi li pproponejna jew li ħadna sehem fihom.

Fuq kollox, aħna naraw lill-Unjoni Ewropea bħala komunità ddefinita mill-valuri, u mhux mill-fruntieri. Għall-EDPS, dan it-twemmin huwa motivazzjoni biex inkomplu bl-isforzi tagħna.

Nittamaw li dan it-twemmin jiġi kondiviż b'mod aktar wiesa' f-Unjoni Ewropea kollha.

Niddedika r-Rapport Annwali 2021 lill-persunal tal-EDPS li ma nistax niringrazzja biżżejjed għall-ħidma tagħhom.



**Wojciech Wiewiórowski**

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*





A dark blue background with a network diagram consisting of light blue lines connecting various nodes, some of which are highlighted with larger, glowing blue circles.

# **IL-PUNTI EWLENIN TAL-2021**

Dan il-kapitolu jippreżenta l-attivitajiet u l-kisbiet ewlenin tal-EDPS fl-2021.

1.1.

## Trasferimenti internazzjonali ta' *data* personali

Wara s-sentenza Schrems II tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-EDPS kompla u nieda diversi attivitajiet u inizjattivi fil-qafas tal-Istrateġija tal-EDPS għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE (EUIs) biex jikkonformaw mas-sentenza "Schrems II" ([L-Istrateġija Schrems II tal-EDPS](#)), ippubblikata fid-29 ta' Ottubru 2020.

L-istrateġija għandha l-għan li tiżgura u timmonitorja l-konformità tal-EUIs mas-sentenza dwar it-trasferimenti ta' *data* personali barra mill-UE u ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), b'mod partikolari l-Istati Uniti tal-Amerka. Bħala parti mill-istrateġija, qed inseguw tliet tipi ta' azzjonijiet: investigazzjonijiet; awtorizzazzjonijiet u ħidma konsultattiva; u gwida ġenerali biex l-istituzzjonijiet jiġu megħjuna jwettqu d-dmir tagħhom ta' responsabbiltà.

B'mod partikolari, f'Mejju tal-2021, tajna bidu għal [żewġ investigazzjonijiet](#): waħda dwar l-użu ta' servizzi tal-cloud ipprovduti mis-Servizzi tal-Web tal-Amazon u l-Microsoft taħt kuntratti tal-Cloud II mill-EUIs, u waħda dwar l-użu tal-Microsoft Office 365 min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea. B'dawn l-investigazzjonijiet, l-EDPS għandu l-għan li jgħin lill-EUIs itejbu il-konformità tagħhom mal-protezzjoni tad-*data* meta jinnegożjaw kuntratti mal-fornitur tas-servizz tagħhom.

Barra minn hekk, ħriġna numru ta' deċiżjonijiet dwar it-trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi mhux tal-UE/taż-ŻEE. Id-deċiżjonijiet tagħna huma bbażati fuq il-valutazzjoni ta' jekk l-għodod li l-EUI inkwistjoni tipprevedi li jintużaw għat-trasferiment ta' *data* personali barra mill-UE/ miż-ŻEE jagħtux livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni għad-*data* personali tal-individwi bħal fl-UE/fiż-ŻEE.

Biex issir taf aktar dwar il-ħidma tal-EDPS rigward it-trasferimenti ta' *data* personali, aqra l-Kapitolu 3, parti 1: Trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi mhux tal-UE/taż-ŻEE, u l-Kapitolu 3, parti 6: Investigazzjonijiet tal-EDPS.

1.2.

## Il-COVID-19 u l-protezzjoni tad-*data*, l-isforzi tagħna qed ikomplu

Matul l-2021, l-EDPS kompli jimmonitorja l-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt tagħha fuq il-protezzjoni tad-*data* permezz tat-[task force tiegħu ddedikata għall-COVID-19](#), li ġiet stabbilita inizzjalment fl-2020. Bħala l-awtorità għall-protezzjoni tad-*data* tal-EUIs u bħala impjegatur stess, aħna pproduċejna linji gwida, u inizjattivi oħra biex nappoġġaw lill-EUIs fl-attivitajiet ta' pproċessar tagħhom matul dan iż-żmien.

Hekk kif l-EUIs żviluppaw strateġiji għar-ritorn tagħhom lejn l-uffiċċju, aħna ppubblikajna linji gwida fid-9 ta' Awwissu 2021 bit-titolu, [Ritorn lejn il-Post tax-Xogħol u l-iskrinjar tal-EUIs tal-immunità tal-COVID jew tal-istatus tal-infezzjoni](#). Il-linji gwida tagħna jinkludu rakkomandazzjonijiet dwar varjetà ta' kwistjonijiet, bħall-użu possibbli tar-riżultati tat-testijiet tal-antiġeni tal-COVID tal-EUIs, l-użu tal-istatus tat-tilqim tal-impjegati u ċ-ċertifikati tal-COVID tal-UE.

L-evoluzzjoni dinamika tal-pandemija tal-COVID-19 tfisser li l-EUIs iridu jadattaw il-proċessi tagħhom kontinwament. F'dan ir-rigward, wettaqna [stħarriġ](#) li fih staqsejna lill-EUIs kollha dwar kif dawn biddlu jew żviluppaw operazzjonijiet ġodda ta' pproċessar minħabba l-COVID-19. L-istħarriġ kien jinkludi mistoqsija dwar l-operazzjonijiet ta' pproċessar ġodda tal-EUIs; l-għodod tal-IT li l-EUIs stabbilew jew tejbu biex jippermettu t-telexogħol; u l-operazzjonijiet ta' pproċessar ġodda stabbiliti mill-EUIs responsabbli mill-kompiti relatati mas-saħħa pubblika. Ir-riżultati tal-istħarriġ, kondiviżi mal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-*data* tal-EUIs u aktar tard mal-pubbliku, se jikkontribwixxu għall-aġġornament tal-linji gwida eżistenti tal-EDPS, jew jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' linji gwida ġodda, skont l-evoluzzjoni tal-pandemija u l-prattiki l-ġodda li se jkomplu ladarba tintemm.

Fl-assejja wkoll li kien meħtieġ li jiġi pprovdut taħriġ dwar l-użu tal-midja soċjali, l-għodod ta' ħidma remota u għodod oħra tal-ICT użati mill-EUIs, minħabba ż-żieda fl-użu ta' dawn l-għodod biex jiġu konnessi kemm internament kif ukoll mal-udjenza tagħhom matul il-COVID-19. Waqt is-sessjonijiet ta' taħriġ tagħna, enfasizzajna li l-użu tal-midja soċjali u tal-għodod ta' vidjokonferenza għandu jitqies bħal kwalunkwe għodda oħra tal-ICT meta jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data*



tagħhom u jiġu adottati miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-privatezza tal-individwi tiġi protetta. Il-konformità mal-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE f'dan il-kuntest ġiet ivverifikata regolarment mill-EDPS.

1.3.


## Is-Superviżjoni tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

Fl-2021, l-EDPS kompli jissorvelja l-korpi u l-aġenziji li huma parti miż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (AFSJ), li tkopri oqsma ta' politika li jvarjaw mill-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali. L-AFSJ tinkludi wkoll politiki dwar l-ażil u l-immigrazzjoni, il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-ġlieda kontra l-kriminalità, bħat-terroriżmu; il-kriminalità organizzata; it-traffikar tal-bnedmin; id-drogi.

### Is-sorveljanza tal-Europol

Xi wħud mill-aspetti tal-ħidma notevoli tagħna fil-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, jinkludu l-attivitajiet ta' superviżjoni tagħna rigward l-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol, l-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi.

B'mod partikolari, aħna ssorveljajna lill-Europol waqt l-użu tagħhom ta' għodod ta' tagħlim awtomatiku, li inizjalment bdejna fl-2019. F'konformità mal-Istrateġija tagħna, il-ħidma tagħna ffukat, u tkompli tiffoka, fuq l-użu ta' *data* operazzjonali għall-iżvilupp, inkluż it-taħriġ, l-ittestjar, il-validazzjoni, u l-użu ta' mudelli ta' tagħlim awtomatiku għal finijiet ta' xjenza tad-*data*. Il-ħidma ta' superviżjoni tagħna kienet tikkonsisti f'inkjesta fuq inizjattiva proprja, segwita minn konsultazzjoni minn qabel li ħriġna fi Frar tal-2021, li wasslitna biex nagħtu opinjoni ta' 21 rakkomandazzjoni li l-Europol għandha ssegwi sabiex tevita ksur possibbli tar-Regolament tal-Europol. L-Opinjoni tagħna ssuġġeriet, b'mod partikolari, li l-Europol tistabbilixxi qafas ta' governanza interna biex tiżgura li, matul l-iżvilupp ta' mudelli ta' tagħlim awtomatiku, l-Europol tidentifika r-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali li jirriżultaw mill-użu ta' dawn it-teknoloġiji innovattivi, anke jekk l-Europol mhux dejjem tkun f'pożizzjoni li timmitiga dawn kollha, abbażi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku kurrenti. L-iżvilupp u l-użu ta' dawn il-mudelli kien ukoll wieħed mis-suġġetti tal-Ispezzjoni Annwali tal-Europol f'Settembru



tal-2021. L-ispezzjoni kopriet il-proċess tal-iżvilupp tal-għodda ta' tagħlim awtomatiku tal-Europol u l-proċess relatat tal-valutazzjoni tar-riskju tal-protezzjoni tad-*data*.

Parti importanti oħra tal-ħidma tagħna fl-2021 kienet tikkonċerna l-investigazzjoni tagħna dwar l-ipproċessar mill-Europol ta' settijiet ta' *data* kbar, li inizjalment bdiet fl-2019. F'Diċembru 2021, iddeċidejna li nużaw is-setgħat korrettivi tagħna billi nipubblikaw [ordni](#) - ikkomunikata formalment lill-Europol fit-3 ta' Jannar 2022 - biex titħassar id-*data* dwar individwi mingħajr rabta stabbilita ma' attività kriminali (Kategorizzazzjoni tas-Suġġett tad-*Data*). B'mod aktar speċifiku, aħna nimponu perjodu ta' żamma ta' 6 xhur biex l-Europol tieħu ħsieb il-filtrazzjoni u l-estrazzjoni tad-*data* personali u perjodu ta' 12-il xahar biex ikun hemm konformità mad-Deċiżjoni tal-EDPS. Din id-Deċiżjoni tiġi wara li l-EDPS wissa lill-Europol f'Settembru 2020 dwar il-ħżin kontinwu ta' volumi kbar ta' *data* mingħajr Kategorizzazzjoni tas-Suġġett tad-*Data*, li joħloq riskju għad-drittijiet fundamentali tal-individwi.

### Is-sorveljanza tal-Eurojust

Fl-2021, l-EDPS kompli jaħdem mill-qrib mal-UPD u ma' persunal operazzjonali ieħor tal-[Eurojust](#), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali, billi jipprovdilhom parir informali meta jkun meħtieġ.

Wara l-adozzjoni tal-[Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit](#), aħna kkontribwejna għall-irfinar tar-relazzjonijiet tal-Eurojust mal-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit. L-EDPS ipprova pariri dwar mistoqsijiet prattiċi dwar il-protezzjoni tad-*data* u wassal opinjonijiet dwar l-arranġamenti ta' ħidma bejn l-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Intern tar-Renju Unit.

L-ewwel awditu tagħna dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-attivitajiet tal-Eurojust rigward il-protezzjoni tad-*data* dwar , inizjalment skedat għall-2020 u pospost minħabba l-pandemija, sar f'Ottubru tal-2021. L-awditu tal-EDPS iffoka fuq l-ipproċessar ta' *data* personali operazzjonali mill-Eurojust u ħares lejn it-trasferimenti tad-*data* fir-relazzjonijiet esterni tal-Eurojust; il-funzjonament tar-reġistru tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u s-sigurtà tad-*data*; u b'mod partikolari l-użu u l-prestazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet tal-Eurojust. Wara ż-żjara fuq il-post tal-EDPS bħala parti mill-awditu, aħna sibna li, b'mod ġenerali; il-konformità tal-Eurojust mal-qafas tal-protezzjoni tad-*data* kienet sodisfaċenti, mingħajr kwistjonijiet kritiċi ta' konformità.

## Is-sorveljanza tal-UPPE

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), il-korp Ewropew indipendenti bis-setgħa li jinvestiga u jressaq quddiem il-ġustizzja reati kriminali kontra l-interessi finanzjarji tal-UE, sar operazzjoni f'Ġunju tal-2021.

Għal dan il-għan, il-ħidma u l-isforzi tagħna fl-2021 iffukaw fuq l-appoġġ lill-UPPE biex jistabilixxi lilu nnifsu qabel ma sar operazzjoni. Għal kollaborazzjoni effettiva, il-Kontrollur tal-EDPS iltaqa' mal-Kap Prosekutur Ewropew, is-Sa Laura Kövesi, biex jiddiskuti l-kooperazzjoni kontinwa u futura tagħhom.

## Is-superviżjoni tal-Frontex

Fl-2021, aħna appoġġajna wkoll l-attivitajiet tal-Frontex, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera, li tikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tal-fruntieri Ewropej.

Aħna pprovdejna gwida dwar l-attivitajiet tal-Frontex biex tassisti lill-Istati Membri tal-UE meta l-migranti li jirritornaw - li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet biex jibqgħu fl-UE - jintbagħtu lura lejn pajjiżhom. B'mod partikolari, aħna tajna l-parir tagħna dwar l-għodod tekniċi li l-Frontex u l-Istati Membri tal-UE qed jużaw f'dan il-kuntest, u pprovdejna [pariri](#) dwar it-trasferimenti ta' *data* personali dwar dawn il-migranti mill-Frontex lil pajjiżi mhux tal-UE.

Biex issir taf aktar dwar il-ħidma tal-EDPS fl-Ispazju tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja, aqra l-Kapitolu 4: Is-Superviżjoni tal-Ispazju tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja.

### 1.4.

## Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa

Kif stabbilit fl-Istrateġija Ewropea tal-EDPS 2020-2024 tagħna, aħna nivvalutaw inizzjattivi fejn id-*data* ġġenerata fl-Ewropa tiġi kkonvertita f'valur għall-kumpaniji u l-individwi Ewropej, u pproċessata f'konformità mal-valuri Ewropej, biex insawru futur diġitali aktar sikur. Fost eżempji oħra, li jistgħu jinstabu fir-Rapport Annwali 2021, l-isforzi tagħna jistgħu jidhru fl-Opinjoni li wassalna dwar numru ta' inizzjattivi tal-leġiżlaturi tal-UE li għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* personali tal-individwi.

## L-Att dwar is-Swieq Diġitali u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali

Fi Frar tal-2021, l-EDPS ippubblika żewġ Opinjonijiet, waħda dwar l-Att dwar is-Swieq Diġitali tal-UE u waħda dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali tal-UE.

Aħna lqajna l-proposta għal Att dwar is-Servizzi Diġitali li jfittex li jippromwovi ambjent online trasparenti u sikur. Aħna rakkomandajna li jiġu stabbiliti miżuri addizzjonali biex l-individwi jiġu protetti aħjar fir-rigward tal-moderazzjoni tal-kontenut, ir-reklamar immirat online u s-sistemi ta' rakkomandazzjoni użati mill-pjattaformi online, bħall-midja soċjali u l-postijiet tas-suq.

Fir-rigward tal-Att dwar is-Swieq Diġitali, aħna enfasizzajna l-importanza li jitrawmu swieq diġitali kompetittivi, sabiex l-individwi jkollhom għażla usa' ta' pjattaformi u servizzi online li jistgħu jużaw.

## L-Intelliġenza Artifiċjali

F'Ġunju tal-2021, flimkien mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB), ħriġna Opinjoni Konġunta dwar il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea rigward l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali. B'ħarsitna lejn id-drittijiet tal-privatezza u s-sikurezza tal-individwi, aħna appellajna għal projbizzjoni ġenerali fuq kwalunkwe użu tal-IA għar-rikonnoxximent awtomatizzat tal-karatteristiċi tal-bniedem fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku.

## L-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà

F'Marzu tal-2021, ħriġna Opinjoni dwar il-Proposta għad-Direttiva NIS 2.0 tal-leġiżlatur tal-UE, li għandha l-għan li tissostitwixxi d-Direttiva eżistenti dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni (NIS) u hija parti mill-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà. Fl-Opinjoni tagħna, aħna ssottolinjajna li huwa essenzjali li l-privatezza u l-protezzjoni tad-data jkunu inkorporati fid-Direttiva proposta u fl-inizjattivi futuri kollha li jirriżultaw mill-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà. Dan se jippermetti approċċ olistiku meta jiġu ġestiti r-riskji taċ-ċibersigurtà u meta tiġi protetta d-data personali tal-individwi.

## Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE

F'April tal-2021, flimkien mal-EDPB, aħna adottajna Opinjoni Konġunta dwar il-Proposti għal Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Iċ-Ċertifikat COVID

Diġitali tal-UE għandu l-għan li jiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu fl-UE matul il-pandemija tal-COVID-19 billi jistabbilixxi qafas komuni għall-ħruġ, il-verifika u l-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli tat-tilqim, l-ittestjar u l-irkupru tal-COVID-19.

B'din l-Opinjoni Konġunta, aħna stedinna lill-koleġiżlaturi biex jiżguraw li ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jkun kompletament konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali. L-Opinjoni Konġunta tagħna enfasizzat li l-użu ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ma jista', bl-ebda mod, jirriżulta f'diskriminazzjoni diretta jew indiretta tal-individwi, u jrid ikun kompletament konformi mal-prinċipji fundamentali tan-neċessità, l-proporzjonalità u l-effettività.

1.5.

## Żieda fil-konsultazzjonijiet leġiżlattivi

Mid-dħul fis-seħħ tar-regolament dwar il-protezzjoni tad-*data* għall-EUIs, ir-[Regolament \(UE\) 2018/1725](#), in-numru ta' konsultazzjonijiet leġiżlattivi żdied b'mod sinifikanti.

Fl-2021, l-EDPS wieġeb għal 88 Konsultazzjoni Leġiżlattiva Formali, meta mqabbel ma' 27 fl-2020. It-88 konsultazzjoni leġiżlattiva jinkludu 12-il Opinjonijiet u 76 Kumment Formali, flimkien ma' 5 Opinjonijiet Konġunti maħruġa mal-EDPB.

Din iż-żieda qawwija tista' tiġi spjegata minn diversi fatturi.

Kien hemm numru akbar ta' inizjattivi leġiżlattivi li fihom dispożizzjonijiet li għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali. Għalhekk, aktar istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet tal-UE kkuntattjaw lill-EDPS għal konsultazzjoni leġiżlattiva.

Din iż-żieda hija dovuta wkoll għat-tishiġ tar-rwol konsultattiv tal-EDPS taħt l-[Artikolu 42](#) tar-Regolament (UE) 2018/1725, li jistabbilixxi obbligu pożittiv ċar għall-Kummissjoni Ewropea biex tikkonsultana dwar proposti leġiżlattivi u proposti oħra b'impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali.

Fost fatturi oħra, hemm sensibilizzazzjoni dejjem akbar dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data* fid-dipartimenti tal-Kummissjoni Ewropea. Din is-sensibilizzazzjoni dejjem akbar hija dovuta kemm għas-sensibilizzazzjoni



mwettqa mill-EDPS, kif ukoll għall-kjarifiki magħmula internament mill-Kummissjoni Ewropea.

Fl-2021, inħarġet serje ta' Opinjonijiet sinifikanti tal-EDPS b'mod partikolari dwar tliet temi: pjattaformi diġitali, servizzi finanzjarji u ġustizzja u affarijiet interni.

Biex insemmu ftit eżempji, l-Opinjonijiet Konġunti tagħna mal-EDPB jinkludu s-suġġetti tal-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u Klawżoli Kuntrattwali Standard.

Il-Kummenti Formali ewlenin tagħna maħruġa fl-2021 jikkonċernaw, fost l-oħrajn, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u l-Pakkett tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa.

Biex issir taf aktar dwar il-Konsultazzjoni Leġiżlattiva tal-EDPS tas-sena 2021, aqra l-Kapitolu 6: Konsultazzjonijiet Leġiżlattivi.

1.6.

## Atti ta' proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Matul l-2021, l-EDPS ipparteċipa f'erba' seduti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) dwar kwistjonijiet differenti. L-interventi tagħna f'kawżi li huma pendenti quddiem il-QĠUE huma wieħed mill-modi tanġibbli li aħna nissodisfaw ir-rwol konsultattiv tagħna. Fl-interventi tagħna, nistgħu nenfasizzaw kwistjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data* biex niżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-individwi għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* jiġu rrispettati.

### Ir-Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri

F'Lulju tal-2021, l-EDPS wieġeb għal mistoqsijiet bil-miktub mill-QĠUE u pparteċipa f'seduta orali f'kawża li tikkonċerna l-validità u l-interpretazzjoni tad-[Direttiva tal-UE 2016/681](#) dwar l-użu tad-*data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) - li tinkludi d-dettalji tal-prenotazzjoni tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw - għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' offiżi terroristiċi u reati serji ([Kawża C-817/19](#)).

Ir-rikorrent quddiem il-Qorti Kostituzzjonali Belġjana li rrefera l-kawża, il-Ligue des droits humains - organizzazzjoni mhux governattiva Belġjana - sostna li l-Liġi tal-PNR tal-Belġju, li ttrasponiet id-Direttiva tal-PNR, interferixxiet b'mod illegali mad-dritt tal-individwi għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali tagħhom. Ir-rikorrent ikkunsidra, b'mod partikolari, li l-operazzjonijiet ta' pproċessar tad-*data* involuti tal-individwi ma kinux meħtieġa u proporzjonati fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fil-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Waqt is-seduta, l-EDPS enfasizza l-ħtieġa għal salvagwardji effettivi biex jittaffew ir-riskji li jirriżultaw mill-ipproċessar tad-*data* tal-PNR, filwaqt li titqies in-natura fuq skala kbira, sistematika u intrużiva tagħha. L-EDPS esprima wkoll dubji dwar il-kompatibbiltà tal-ipproċessar tad-*data* tal-PNR minn titjriet intra-UE u minn mezzi transfruntiera oħra tat-trasport pubbliku intra-UE mat-Trattati u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

### Iż-żamma tad-*data*

F'Settembru tal-2021, l-EDPS pparteċipa f'żewġ seduti tal-QĠUE f'kawżi li jikkonċernaw iż-żamma tad-*data*.

L-ewwel seduta indirizzat il-kompatibbiltà tal-liġijiet Ġermaniżi u Irlandiżi dwar iż-żamma tad-*data* personali għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi mal-Artikolu 15 tad-[Direttiva dwar il-Privatezza Diġitali](#), li jirregola r-restrizzjonijiet tad-drittijiet tal-individwi għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data* personali fil-komunikazzjonijiet elettroniċi (C-793/19, C-794/19 u C-140/20).

Waqt is-seduta, l-EDPS tenna li jista' jkun possibbli li tiġi prevista leġiżlazzjoni ċara u preċiża li ttipprevedi reġim limitat iżda effettiv għaż-żamma u l-aċċess għad-*data* dwar it-traffiku u l-post tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, inkluż *data* tal-utenti li mal-ewwel daqqa t'għajjn ma għandhom l-ebda rabta oġġettiva mal-oġġettiv segwit, b'mod kompatibbli mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u li iż-żamma u l-aċċess għad-*data* maħżuna ma għandhomx jitqiesu f'iżolament assolut minn xulxin.

It-tieni seduta kienet tikkonċerna żewġ kawżi Franċiżi relatati mal-użu taż-żamma tad-*data* biex jiġu investigati l-abbużi minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq taħt id-[Direttiva tal-UE dwar l-Abbuż tas-Suq](#) u r-[Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq](#) (C-339/20 u C-397/20). Waħda mill-kwistjonijiet ikkonċernati kienet jekk din il-

leġislazzjoni tippermettix li l-leġislator nazzjonali jirrikjedi ż-żamma ġenerali tad-*data* personali biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jaċċessaw din id-*data* meta jinvestigaw tranżazzjonijiet ta' informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

Fis-seduta, l-EDPS kien tal-fehma li dawn id-dispożizzjonijiet ma kellhomx l-għan li jstabbilixxu bażi ġuridika għaż-żamma tad-*data*.

### Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus

F'Ottubru tal-2021, l-EDPS ipparteċipa f'seduta tal-QĠUE f'kawża li tikkonċerna d-Direttiva tal-UE 2018/843 dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (C-601/20). B'mod speċifiku, is-seduta ffukat fuq kif għandhom jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva tal-UE dwar ir-reġim tal-aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar is-sjeda benefiċjarja u jekk din l-interpretazzjoni tikkonformax mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

F'konformità mal-Opinjoni tagħna dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ippubblikata f'Settembru tal-2021, aħna argumentajna li l-aċċess għall-pubbliku ġenerali ta' informazzjoni dwar is-sjeda benefiċjarja, kif stabbilit fid-Direttiva mhuwiex meħtieġ u proporzjonat.


## 1.7.

### Inizjattiva ġdida, TechSonar

Waħda mill-kisbiet tal-EDPS tas-sena 2021 kienet it-tnedija ta' inizjattiva ġdida, [TechSonar](#), f'Settembru.

Bir-rapport tat-TechSonar tagħna, għandna l-għan li nantiċipaw ix-xejriet teknoloġiċi emerġenti biex nifhmu aħjar l-iżviluppi futuri tagħhom, speċjalment l-implikazzjonijiet potenzjali tagħhom fuq il-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza tal-individwi.

Din l-inizjattiva l-ġdida tiġi wara xi riflessjonijiet fi ħdan il-EDPS. Il-pandemija tal-COVID-19, fost fatturi oħra, aċċellerat il-bidla teknoloġika, bil-wasla ta' teknoloġiji u għodod ġodda. Spiss, ma nkunux nafu l-użi ewlenin reali li se jkollhom dawn it-teknoloġiji sakemm jiġu applikati f'kuntesti speċifiċi. Huwa biss f'dak il-każ li nkunu nistgħu nifhmu l-valur u r-riskji li dawn it-teknoloġiji jaf ikollhom fuq is-soċjetà. Għal dan il-għan, l-EDPS jemmen bis-siġħ li huwa meħtieġ li naġixxu minn



qabel, li jfisser li, minflok ma nirreaġixxu għal teknoloġiji emerġenti ġodda meta l-valur miżjud u r-riskji tagħhom għas-soċjetà jkunu diġà żviluppatti, għandna nkunu nistgħu nantiċipaw l-iżviluppi tagħhom. Dan jippermettilna niżguraw li dawn it-teknoloġiji jiġu żviluppatti, mill-istadji l-aktar bikrija tal-kunċett tagħhom, skont id-drittijiet fundamentali tal-individwi, inklużi d-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*.

F'dan ir-rigward, TechSonar huwa proċess li għandu l-għan li jagħti s-setgħa lill-EDPS biex janalizza kontinwament l-qasam tat-teknoloġija bil-għan li jagħżel ix-xejriet teknoloġiċi li qed jipprevedi għas-sena ta' wara.

Permezz ta' TechSonar, aħna nistgħu, u se nkomplu, niddeterminaw liema teknoloġiji għandhom jiġu mmonitorjati illum sabiex nħejju ruħna għal futur diġitali aktar sostenibbli fejn il-protezzjoni tad-*data* personali tiġi ggarantita b'mod effiċjenti.

Fl-ewwel rapport tagħna dwar TechSonar 2021, it-tim tagħna ta' esperti interni għażel li jesplora s-sitt xejriet teknoloġiċi previsti li ġejjin: Ċertifikati intelliġenti ta' tilqim; *Data* sintetika; Munita diġitali tal-bank ċentrali; Teknoloġija tal-“just walk out”; Awtentikazzjoni kontinwa bijometrika; Terapewtika diġitali.

Biex issir taf aktar dwar il-ħidma ta' TechSonar u tal-EDPS fil-qasam tat-teknoloġija u l-privatezza, aqra l-Kapitolu 5: Teknoloġija u Privatezza.

1.8.

## Riżorsi umani, Baġit u Amministrazzjoni

Matul l-2021, l-Unità tar-Riżorsi Umani, il-Baġit u l-Amministrazzjoni tal-EDPS (HRBA) ipprovdiet appoġġ lit-timijiet Maniġerjali u Operazzjonali tal-EDPS. L-għan huwa li jiġi żgurat li jkollhom biżżejjed riżorsi u għodod finanzjarji, umani u amministrattivi biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-[Istrateġija tal-EDPS 2020-2024](#).

## Il-ġestjoni tal-pandemija tal-COVID-19

Fost l-aspetti tal-ħidma u l-inizjattivi segwiti fl-2021, l-unità tal-HRBA stabbiliet strateġija interna għal ritorn gradwali u sikur lejn il-bini tal-EDPS, allinjata mal-miżuri tal-COVID-19 tal-Belġju u l-miżuri adottati mill-EUIs l-oħra. F'dan ir-rgiward, l-HRBA organizza r-ritorn lejn l-uffiċċji tal-EDPS f'fażijiet matul il-pandemija, b'arranġamenti ta' ħidma speċifiċi u regoli tas-saħħa u s-sikurezza.

## Il-benesseri fuq il-post tax-xogħol

Bħala organizzazzjoni, aħna niffokaw fuq il-ħolqien ta' impatt pożittiv fis-soċjetà tagħna. Wieħed mill-valuri ewlenin tagħna huwa li l-individwi, inkluż il-persunal tagħna, jiġu ttrattati b'rispett. Biex jinbena ambjent tax-xogħol pożittiv, rispettuż u sikur, l-HRBA kompliet b'numru ta' inizjattivi, li diġà kienu bdew fl-2021, biex tiżgura livelli għoljin ta' benessere fuq il-post tax-xogħol fost il-persunal tal-EDPS, billi ħadmet mill-qrib mal-Koordinatur tal-Benesseri tal-EDPS.

## Ir-reklutaġġ ta' esperti dwar il-protezzjoni tad-data

Waħda mill-prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija tagħna tal-2020-2024 għall-EDPS hija li ninvestu fil-ġestjoni tal-għarfien biex niżguraw l-oġġla kwalità tal-ħidma tagħna u li nirreklutaw forza tax-xogħol diversa, interdixiplinari u ta' talent. F'dan ir-rigward, fl-2021, aħna kkonċentrajna l-isforzi tagħna biex nirreklutaw esperti tal-protezzjoni tad-data biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-EDPS.

## L-adattament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna

Il-bidliet fl-ambjent tax-xogħol tagħna kkawżati mill-pandemija u mir-reġim tat-telexogħol full-time kienu jirrikjedu riflessjoni profonda dwar l-adattament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna. Aħna kkunsidrajna fatturi li jinkludu l-ħin tax-xogħol, ix-xogħol ibridu u t-telexogħol minn barra l-pajjiż. L-unità tal-HRBA bdiet din ir-riflessjoni u se tipproponi regoli ġodda, li se jiġu diskussi u miftiehma mill-kumitat tal-persunal tagħna. L-għan huwa li dawn ir-regoli jiġu adottati sa nofs l-2022.

## Ħarsa 'l quddiem: il-ħolqien ta' Dar Ewropea tal-Protezzjoni tad-Data

L-EDPS u l-EDPB saru l-uniċi okkupanti tal-bini attwali tiegħu fi Brussell wara t-tluq tal-Ombudsman Ewropew fl-aħħar ta' Ottubru 2021. Dan





witta t-triq biex nibdew nibnu u nistabilixxu l-bini tagħna bħala “Id-Dar Ewropea tal-Protezzjoni tad-*Data*”, bil-għan li jsir iċ-ċentru tal-UE bbażat fi Brussell għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*. Il-proġett beda fl-2021 u se jkompli fl-2022.

Biex issir taf aktar, aqra l-Kapitolu 12: Ir-Riżorsi Umani, il-Baġit u l-Amministrazzjoni.

1.9.

## L-Attivitajiet ta’ Komunikazzjoni tal-EDPS

L-interess pubbliku u l-parteċipazzjoni tiegħu fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* kif ukoll il-ħidma tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* (DPAs) qed ikomplu jikbru, aktar u aktar fid-dawl taż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tal-ħajja ta’ kuljum tal-individwi. In-nies iħossuhom aktar konxji u mħassba dwar l-impronta diġitali tagħhom u l-importanza tal-protezzjoni tad-*data* personali tagħhom. Is-Settur tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni tal-EDPS (Settur I&C) għandu l-għan li, għalhekk, jiżgura li l-attivitajiet u l-messaġġi tal-EDPS jilħqu lill-udjenzi rilevanti fil-ħin xieraq.

Ir-rwol tas-Settur I&C, imsaħħaħ fl-[Istrateġija 2020-2024 tal-EDPS](#), huwa li jispjega u jipromwovi l-ħidma tal-EDPS. Dan jimpenjana biex il-kwistjonijiet ta’ protezzjoni tad-*data*, b’mod partikolari l-impatt li l-operazzjonijiet u t-teknoloġiji tal-ipproċessar jista’ jkollhom fuq l-individwi u d-*data* personali tagħhom, nagħmluhom aktar aċċessibbli għal udjenza kbira billi nipprovdu informazzjoni dwar ix-xogħol ta’ kuljum tal-EDPS b’lingwaġġ ċar u permezz ta’ għodod ta’ komunikazzjoni xierqa.

Għal dan il-għan, il-ħidma tagħna fl-2021 iffokat fuq l-iżvilupp u l-immodernizzar tal-identità viżiva tal-EDPS. Bl-identità korporattiva l-ġdida tagħna, għandna l-għan li nirriflettu r-rwol tal-EDPS bħala mexxej globali fil-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza mhux biss fl-UE, iżda wkoll lil hinn minnha, u li nimmarkaw era ġdida fl-istorja tal-EDPS, li se tiffoka aktar fuq it-tfassil ta’ futur diġitali aktar sikur.

Parti kbira mill-ħin u l-isforz tal-I&C jiġu investiti fil-promozzjoni tal-attivitajiet tal-EDPS fuq it-tliet profili tal-midja soċjali stabbiliti sew tagħna: Twitter, LinkedIn, u YouTube. Dan jista’ jinkludi l-iżvilupp ta’ kampanji tal-midja soċjali ċċentrati fuq temi speċifiċi, il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Kontrollur f’avvenimenti importanti, u aktar.

Komplejna wkoll niproduċu u nipubblikaw kontenut fuq is-Sit Web tal-EDPS. Biex insemmu ftit eżempji, dan jinkludi l-pubblikazzjoni ta' Skedi Informattivi, il-Bullettin tagħna li dejjem qed jikber, il-blogposts dwar firxa ta' suġġetti, u l-istqarrijiet għall-istampa tal-EDPS.

Biex issir taf aktar, aqra l-Kapitolu 11: L-Attivitajiet ta' Komunikazzjoni tal-EDPS.

1.10.

## Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni

Aħna nużaw numru ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) biex jgħinuna nimmonitorjaw il-prestazzjoni tagħna fid-dawl tal-oġġettivi ewlenin stabbiliti fl-Istrateġija tal-EDPS. Dan jiżgura li aħna kapaċi naġġustaw l-attivitajiet tagħna, jekk ikun meħtieġ, biex inżidu l-impatt tal-ħidma tagħna u l-użu effettiv tar-riżorsi.

It-tabella ta' valutazzjoni tal-KPI ta' hawn taħt fiha deskrizzjoni fil-qosor ta' kull KPI u tar-riżultati fil-31 ta' Diċembru 2021. Dawn ir-riżultati jitkejlu mal-miri inizjali, jew imqabbla mar-riżultati tas-sena ta' qabel, użati bħala indikatur. Dan is-sett ta' KPIs għe rivedut parzjalment fi tmiem l-2020, biex jiġi żgurat li l-metriċi tal-prestazzjoni jadattaw għall-iżviluppi fl-attivitajiet tal-EDPS.

Fl-2021, ilħaqna jew qbiżna - f'xi każijiet b'mod sinifikanti - il-miri stabbiliti fi tmienja minn disa' KPIs, u KPI wieħed biss, il-KPI8 dwar ir-rata ta' okkupazzjoni tal-pjan ta' stabbiliment, ma ssodisfax il-mira stabbilita.

Dawn ir-riżultati juru b'mod ċar l-eżitu pożittiv li kellna fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi strateġiċi tagħna matul is-sena, minkejja ċ-ċirkostanzi ta' sfida li fihom kien għad irid jopera l-EDPS fil-kuntest tal-Pandemija tal-COVID-19.

## INDIKATURI EWLENIN TAL- PRESTAZZJONI

Riżultati  
31.12.2021

Mira 2021

KPI 1 Indikatur intern	Numru ta' inizjattivi, inkluż pubblikazzjonijiet, dwar il-monitoraġġ tat-teknoloġija u dwar il-promozzjoni ta' teknoloġiji li jtejbu l-privatezza u l-protezzjoni tad- <i>data</i> organizzati jew koorganizzati mill-EDPS	16-il inizjattiva	10 inizjattivi
KPI 2 Indikatur Intern u Estern	Numru ta' attivitajiet iffokati fuq soluzzjonijiet ta' politika transdixxiplinarji (interna u esterna)	8 attivitajiet	8 attivitajiet
KPI 3 Indikatur Intern	Numru ta' każijiet indirizzati fil-kuntest tal-kooperazzjoni internazzjonali (GPA, KtE, OECD, GPEN, Konferenza tar-Rebbiegħa, organizzazzjonijiet internazzjonali) li għalihom l-EDPS ipprova kontribut sostanzjali bil-miktub	17-il każ	5 każijiet
KPI 4 Indikatur Estern	Numru ta' fajls li għalihom l-EDPS aġixxa bħala rapporteur ewlieni, rapporteur, jew membru tat-tim tal-abbozzar fil-kuntest tal-EDPB	23 każ	5 każijiet
KPI 5 Indikatur Estern	Numru ta' opinjonijiet u opinjonijiet konġunti tal-EDPS-EDPB dwar l-Artikolu 42 maħruġa bi tweġiba għat-talbiet ta' konsultazzjoni leġiżlattiva tal-Kummissjoni Ewropea	17	Is-sena preċedenti bħala parametru referenzjarju

KPI 6 Indikatur Estern	Numru ta' awditi/żjarat li saru fiżikament jew remoti	4 awditi + żjara 1  43 EUIs affettwati	3 awditi/żjarat differenti  30 EUIs affettwati
KPI 7 Indikatur Estern	Numru ta' segwaċi fil-profil tal-midja soċjali tal-EDPS	Twitter: 25 826 LinkedIn: 49 575 YouTube: 2 438	Riżultati tas- sena preċedenti + 10%
KPI 8 Indikatur Intern	Ir-rata ta' okkupazzjoni tal-pjan ta' stabbiliment	88%	90%
KPI 9 Indikatur Intern	Implimentazzjoni tal-baġit	86,12%	80%



**KIF TAGĦMEL KUNTATT  
MAL-UE**



## Personalment

Fl-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru tiegħek fuq: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

## Bit-telefon jew permezz ta' email

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Inti tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- permezz ta' numru tat-telefon bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jaf jitolbu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq in-numru standard li ġej: +32 22999696 jew
- permezz ta' email fuq: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

## Kif issib informazzjoni dwar l-UE

### Online

Informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: [https://europa.eu/european-union/index\\_mt](https://europa.eu/european-union/index_mt)

### Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel jew tordna pubblikazzjonijiet tal-UE mingħajr ħlas u anke bi ħlas minn: <https://publications.europa.eu/mt/publications>

Tista' tikseb diversi kopji ta' pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru lokali ta' informazzjoni tiegħek (ara [https://european-union.europa.eu/contact-eu\\_mt](https://european-union.europa.eu/contact-eu_mt)).

### Id-dritt tal-Unjoni u dokumenti relatati

Sabiex ikollok aċċess għal informazzjoni legali mill-UE, inkluż id-dritt kollu tal-UE mill-1952 fil-verżjonijiet kollha tal-lingwi uffiċjali, żur EUR-Lex fuq: <http://eur-lex.europa.eu>

### Data miftuħa mill-UE

Il-Portal tad-Data Miftuħa tal-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet ta' data mill-UE. Id-data tista' titniżżel u terġa' tintuża mingħajr ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll għal skopijiet mhux kummerċjali.



Twitter:

@EU\_EDPS



LinkedIn:

EDPS




YouTube:

European Data Protection Supervisor



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea



EDPS